**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump.26/98***

***Pulizija***
***Supt. Bartolomew Mula***
***v***
***Mario Camilleri***

Illum 29 Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-
……………………………………………………………………………

Illi instabet impronta digitali - identifikata mill-espert Joseph Bongailas (dok.AG – JB2 Pg.35) - fuq *"kaxxa .. tal-plastic b' sticker imwahhal fuqu bil-kelma 'xemgha' miktub fuqha li kienet ukoll fis-sagristija ma l-art."(dok.AG – JH pg.2).*

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat cahad li qatt kien dahal fil-knisja fuq indikata. Di fatti huwa sostna li lanqas kien jaf fejn qeda. Huwa cahad ukoll li qatt hareg mal-persuni indikati lilu mill-ufficjal investigattiv.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi huwa manifest li l-prova bazi tal-prosekuzjoni fil-konfront ta’ dan l-imputat hija l-impronta digitali misjuba fuq kaxxa tal-plastic li fuqha kien imwahhal sticker bil-kelma ‘xemgha’ fuqu.

Illi Dr.Joseph Giglio difensur tal-imputat fit-trattatjoni esawrienti tieghu, b’ risposta ghat-trattazzjoni emfatika tal-ufficjal prosekutur, sostna li din l-prova waheda ma tistax tirradika l-htija tal-imputat u gab diversi ragunijiet in sostenn tal-linja difensjonali tieghu.  Fosthom hemm is-segwenti:

**1.** Illi ma ngabet ebda prova dwar il-kaxxa in kwistjoni sabiex il-Qorti jkollha idea cara tal-kwalita’, daqs u partikolarijiet ohra li jistghu jkunu relevanti ghal kaz.  L-uniku prova esistenti in propositu hija li hi **kaxxa tal-plastic**.  Ghalhekk id-difisa u l-Qorti hija privata mill-iskrutinju taghha.

Fil-fehma tal-Qorti, din il-mankanza fil-provi hija lakuna serja, tenut kont tal-fatt li **<u>l-prova bazi</u>** tal-prsosekuzzjoni tikkoncerna l-imsemmija kaxxa.  Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li l-prosekuzjoni kellha tesebixxi din il-kaxxa materjalment fl-atti, flimkien ma ritratti taghha;  izda lanqas din l-ahhar prova ma tesisti fl-atti odjerni.  A bazi ta’ dan il-fatt, id-difiza ghandha ragun targumenta li l-kaxxa setghet kienet oggett li mhux necessarjament jappartjeni ghas-sagrestija in kwistjoni, bhal per ezempju gwardarobba.  Mod issib impronti digitali fuq

gwardarobba li kienet ilha fis-sagristija ghal certu perijodu ta' zmien, u mod issib l-impronti fuq semplici kaxxa tal-plastic li wara kollox l-indikazzjonijiet huma li ma kienitx tinzamm bhala recipient ghal flus izda ghax-xemghat.

**2.** Illi ma ngabet ebda prova sabiex jigi stabbilit il-kaxxa de quo kemm kienet ilha fis-sagristija. Setghet kienet ilha zmien twil, u setghet ingabet hemm il-gurnata ta' qabel.

**3.** Illi l-impronta digitali giet elevata minn fuq il-kaxxa ma hemm xejn x' jindika li kienet giet elevata minn fuq l-isticker. Dan ikompli jsahhah l-argumentazzjoni tad-difisa li l-impronta digitali setghet kienet fuq il-kaxxa **qabel ma sabet postha fis-sagristija**.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-argumenti migjuba mid-difisa huma validi hafna u jdghajjfu l-kaz tal-prosekuzzjoni serjament. In vena legali l-Qorti tghamel referenza ghall-insenjament tal-Onor.Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi ***Pul.v Emanuel Camilleri*** u *Pul. v David Gatt* fis-sens li:

*Hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprint waheda tkun bizzejjed biex il-qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuzat. Prova cirkostanzjali waheda minghajr indizzji jew provi cirkostanzjali ohra maghha li jkunu univoci u konkordanti qatt ma tista' tghamel prova konklusiva.* ***Trid tkun univoca fis-***

***sens li ma tistax tfisser zewg hwejjeg li juru direzzjonijiet opposti,*** *u trid tkun konkordanti fis-sens li provi cirkostanzjali ma jistghud jigu kontradetti minn xhieda diretti. (A.K. 44/97 u 303/97)(emfasi ta' din il-Qorti).*

Fil-kaz in disamina l-impronta digitali li nstabet, u fil-kuntest tal-provi mressqa, tista tfisser "***zewg hwejjeg li juru direzzjonijiet opposti"*** cioe' li l-imputat kien mess il-kaxxa jew meta din kienet diga' fis-sagristija jew qabel ma ttiehdet gos-sagristija jew gol-knisja. Dan id-dubbju serju jinnewtralizza l-kaz tal-prosekuzjoni fil-konfront tal-imputat, stante li ma jistax jinghad, minghajr dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat kommetta l-fatti li qedin jigu attribwiti lilu mill-prosekuzjoni.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputat hati skond l-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***